Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru: 177/13

**Atlas Insurance PCC Ltd (C5061) bħala surrogata fid-drittijiet tal-assigurat tagħha Ale Petrus Couperus, u l-istess Ale Petrus Couperus (appellati)**

**vs**

**Darren Grech (ID 430780M) (appellant)**

18 ta' April 2017

1. **Din hija kawża għall-ħlas ta' €6,743.70 rappreżentanti danni sofferti miż-żewġ atturi konsegwenzjalment għall-inċident marittimu li seħħ fit-3 ta' Marzu 2012 li fih kienet involuta d-dgħajsa "*Out of the Blue*" proprjeta` tar-rikorrent Couperus (l-assikurat tas-soċjeta` rikorrenti Atlas Insurance PCC Ltd).**

2. Fl-avviż tagħhom ippreżentat fid-19 ta' Ġunju 2013 quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) l-atturi talbu li l-konvenut Darren Grech jiġi kkundannat iħallashom is-somma ta' €6,743.70, (kwantu għal €5,566.70 rappreżentanti d-danni sofferti mid-dgħajsa "*Out of the Blue*" li għalihom għamlet tajjeb is-soċjeta` Atlas Insurance PCC Ltd, €1000 rappreżentanti l-*excess* li ħallas Couperus, u €177 rappreżentanti *survey fees)* u dan bħala konsegwenza tal-inċident marittimu li ġara fit-3 ta' Marzu 2012 meta d-dgħajsa "*Sea Jaguar*" misjuqa mill-konvenut għaddiet tant viċin tad-dgħajsa "*Out of the Blue*" li kkaġunat ċaqliq qawwi ta' baħar b'mod li d-dgħajsa "*Out of the Blue*" sofriet ħsara. Bl-imgħax legali mill-pagament (02.04.2012) u bl-ispejjeż kontra l-intimat.

3. Fir-risposta tiegħu tat-22 ta' Awwissu 2013 il-konvenut wieġeb biex jgħid li t-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt, li huwa ma jaħtix għall-ħsarat

allegatament sofferti mid-dgħajsa "*Out of the Blue*", u li huwa ma kien responsabbli ta' ebda traskuraġni, imperizja jew nuqqas ta' ħila jew dixxiplina fit-tbaħħir tad-dgħajsa "*Sea Jaguar*". Sostna li kien dieħel lejn il-moll tad-Dwana skont l-istruzzjonijiet tat-turretta, bi speed baxx li baqa' jnaqqsu sakemm trakka mal-moll. Qal wkoll li fi kwalunkwe każ, l-ebda imgħax ma kellu jkun dovut.

4. Fid-deċiżjoni tagħha tas-26 ta' Mejju 2016 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kkonkludiet li l-parti l-kbira tar-responsabilita` għall-inċident kienet effettivament attribwibbli lil-konvenut Grech u għaldaqstant ikkundannatu jħallas lis-soċjeta` attriċi l-ammont ta' €5,743.70; pero` abbażi tal-fatt li dehriliha li l-attur Couperus kellu jerfa' parti mir-responsabilita` għall-inċident iddeċidiet li s-somma ta' €1,000 li kien ħallas in linea ta' *excess*, kellha tibqa' a karigu tiegħu. Iddikjarat ukoll li l-ispejjeż u l-imgħax mid-data tas-sentenza kellhom ikunu kollha a karigu tal-konvenut.

5. Il-konvenut ħassu aggravat b' din is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u għalhekk fil-15 ta' Ġunju 2016 intavola rikors tal-appell quddiem din il-qorti fejn talabha tikkonfermaha in kwantu ddikjarat lil Ale Petrus Couperus reponsabbli għall-inċident, tirrevokaha in kwantu sabitu responsabbli in parti biss u fejn ikkundannatu (liil-konvenut) iħallas lis-soċjeta` Atlas Insurance PCC Ltd is-somma ta' €5,743.70, u konsegwentement tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha tiegħu u tiċħad it-talbiet kollha tal-atturi appellati, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħhom.

6. Is-soċjeta` attriċi fl-14 ta' Novembru 2016 wieġbet biex tgħid illi s-sentenza appellata għandha tiġi kkonfermata, bl-imgħax u bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess konvenut appellat.

7. Jiġi osservat illi l-attur appellat Ale Petrus Couperus **ma appellax** minn dik il-parti tas-sentenza fejn ġiet miċħuda t-talba tiegħu biex il-konvenut jiġi kkundannat jirrifondilu l-*excess* li kien ħallas fl-ammont ta' €1,000.

**8. <u>L-aggravji tal-konvenut appellant huma s-segwenti:</u>**

(i) Fl-ewwel lok jilmenta li l-ewwel qorti għamlet <u>apprezzament ħażin</u> tal-mertu meta sabitu responsabbli (imqar parzjalment) għall-inċident, għaliex ma kkunsidratx:

(a) li kien għaddej *dead slow*;
(b) li kien fl-impossiblita` li jinnota jew li jara lil Couperus;
(c) li kien proprju l-istess Couperus li kellu jżomm *a proper lookout;*
(d) li "*Out of the Blue*" ma kellhiex *fenders* maħruġa

(ii) Fit-tieni lok jilmenta li l-ewwel qorti naqset li tikkonsidra l-illegalitajiet kommessi mill-attur Couperus, li kienu l-unika kawża tal-ħsara mġarrba. Jargumenta li r-responsabilita` ta' Couperus fl-ikkaġunar tal-ħsara li huwa jgħid li sofra hija waħda assoluta u għalhekk l-ewwel qorti ma setgħet qatt talloka xi tip ta' responsabilita` lilu. Jaċċenna wkoll għall-fatt li Couperus kien, skont il-liġi tagħna, f' żona projbita għal bċejjeċ tal-baħar bħal tiegħu. F' dan ir-rigward jagħmel riferenza għar-Regolament 14(4) u għal Regolament 16 tal-L.S. 499.01.

(iii) Fit-tielet lok isostni li l-atturi naqsu milli jippruvaw it-talbiet tagħhom u għalhekk dawn kellhom jiġu miċħuda. Jargumenta li l-uniċi provi ċari li nġiebu kienu fil-fatt dawk li jattribwixxu r-responsabilita` sħiħa lill-attur appellat Ale Petrus Couperus.

(iv) Finalment jilmenta illi, mingħajr ħsara għas-suespost, l-ewwel qorti naqset milli takkolla lill-attur Couperus dak il-porzjon tal-ispejjeż li jirrappreżenta l-porzjon tal-ammont mitlub li hija kkundannatu jħallas.

**9. <u>Provi rigwardanti l-inċident marittimu in kwistjoni:</u>**

*(i) L-attur Ale Petrus Couperus:*

L-attur Couperus fl-affidavit[1] tiegħu spjega li dak in-nhar tal-inċident, hu u ħutu Ernest u John kienu qegħdin fuq id-dgħajsa tiegħu "*Out of the Blue*" fil-port tal-Belt. F' ħin minnhom wieħed minn ħutu ħassu ma jiflaħx u għalhekk ried jitlaq minn fuq id-dgħajsa. Qal illi:

> *"I was trying to reach shore and when I was about five metres, or possibly even less, away from the shore, the other boat came around at high speed with the result that waves were created and as a result the waves took us to shore and we hit it.*
>
> *The waves were extremely high.*
>
> *The boat which created these waves came from behind us and therefore I could not be aware of what was going to happen and indeed when it happened it was definitely too late for me to be able to do anything in the circumstances."*

Kontro-eżaminat[2] qal li ilu fil-pussess ta' liċenzja ta' Kaptan sa mill-1995. Ikkonferma li dak in-nhar tal-inċident kien qed jipprova jitrakka mal-moll sabiex ħuh ikun jista' jitla fuq l-art. Qal li kien qed jimmanuvra b' mod angolat. Mistoqsi jekk kienx hemm żewġ bastimenti irmiġġjati mal-moll fejn sar l-inċident irrisponda "*I say it is possible because I can't remember the details*." Mistoqsi jekk kienx ottjena l-permess biex jirmiġġja mal-moll in kwistjoni qal "…*no, I did not obtain any permission*." Mistoqsi dwar l-għoli tal-moll fejn huwa mar biex jittrakka, huwa ammeta illi kif suġġerit lilu dan mhux addattat għal dgħajjes bħal tiegħu, iżda spjega li l-każ tiegħu kien wieħed ta' emerġenza.

Dwar il-mgħewġ li ħalla l-bastiment tal-konvenut qal:

> *"…the waves behind me were around a meter, a meter and a half high at least. They were very high waves for the port and I actually ended up very close to the quay as a result of the big waves which I had behind me."*

Mistoqsi dwar jekk kellux il-*fenders* imniżżlin irrisponda fl-affermattiv.

> *"When I was trying to do this manouver the fenders were actually placed on the side. …Actually I have to say that they were on both sides of the boat….I insist once again fenders were actually on the boat."*

[1] Affidavit tal-attur Ale Petrus Couperus, fol 16.
[2] Kontro-eżami tal-attur tad-9 ta' April 2015, fol 84-86.

*(ii) Il-konvenut Darren Grech:*

Il-konvenut Darren Grech fl-affidavit[3] tiegħu xehed li dak in-nhar tal-inċident huwa kien fuq id-dgħajsa tiegħu bl-isem ta' "*Sea Jaguar*" ma' ċertu Roderick Borg, li bħalu huwa wkoll kaptan liċenzjat. Qal li kienu qegħdin jagħtu servizzi ta' *delivery* lil xi vapur ieħor li kien 'il barra mit-tnax-il mil.

> "*Madwar mil barra l-port għajjatna lil Valletta VTS*[4] *li wasalna fil-fairway buoy. Huma nfurmawna li kien tajjeb għalina li nipproċedu fil-port għax ma kienx hemm traffiku u aħna bqajna deħlin.*"

Kompla jispjega:

> "*Meta konna deħlin lura, wasalna l-breakwater u konna għaddejjin b'veloċita` ta' madwar 10 jew 10.4 knots. Infurmajt lit-turretta li konna deħlin u niftakar li naqqast l-ispeed bi proċedura normali. Kif dħalt man-naħa tal-Valletta Waterfront żammejt mal-green lateral mark tal-port kif naf li jitolbu r-regoli tal-COLREG tal-International Marine Organization.*"

Jiftakar li hekk kif kienu deħlin il-port raw żewġ bastimenti ankrati mal-moll tal-waterfront tal-Belt li kellhom il-passarella mal-art. Qal li jista' jagħti l-każ li kienu l-Fernandez jew il-Hera. Qal li dak il-ħin kien għaddej b'madwar 7.6 knots.

> "*Kif wasalt bi dritt il-Fernandez jew il-Hera rajt dgħajsa, li wara sirt naf li hija ta' Ale Couperus, li kienet donnha qed tipprova tidħol mal-poppa ta' wieħed minn dawn il-bastimenti, min-naħa tal-bini tad-dwana. Bħal donnu ried jidħol taħt il-passarella ta' wieħed minn dawn il-bastimenti jew inkella taħt il-moll.*"

Kompla jgħid li kif raw hekk, hu u Roderick Borg irrimarkaw bejniethom dwar x' kien qed jipprova jagħmel il-kaptan ta' dak idgħajsa. "*F'kull każ aħna bqajna deħlin dead slow biex nimmanuvraw u nidħlu mal-moll tad-Dwana.*" Spjega li kellhom iġibu l-*clearance* minn hemm peress li kienu ħarġu barra t-tnax-il mil

[3] Affidavit tal-konvent Darren Grech, fol 75-76.
[4] Vessel Transport Service.

u kien Roderick Borg li niżel għal tali *clearance* filwaqt li hu baqa' fuq id-dgħajsa.

> *"Jien bqajt fid-dgħajsa mixgħula sakemm ilesti Roderick u dak il-ħin smajt lil xi ħadd fuq il-VHF jgħajjat lit-turretta li "Sea Jaguar", skont hu, għaddiet bis-saħħa. Smajt ukoll lit-turretta tistaqsih min hu u fejn qiegħed. Hu weġibhom li kien qiegħed Pinto Wharf u dak il-ħin tat-turretta qalulu biex jitlaq peress li ma kellux permess jorbot hemm. Jiena għajjat lit-turretta sabiex nistaqsihom x' ġara u huma qaluli biex inserraħ rasi għax ma kien hemm xejn."*

*<u>(iii) Roderick Borg (li kien fuq is-"Sea Jaguar" mal-konvenut)</u>*

Roderick Borg fix-xiehda tiegħu[5] ikkonferma li meta hu u l-konvenut kienu deħlin lura u kienu waslu ħdejn il-*Fairway Buoy*, ikkomunikaw mal-Valletta VTS biex dawn jagħtuhom il-permess sabiex jidħlu fil-port. Qal li bejn il-*Fairway Buoy* u l-*breakwater* kienu bdew inaqqsu l-veloċita` sabiex ikunu jistgħu jimmanuvraw il-bastiment.

> *"Jien nixtieq ngħid illi aħna bħala prassi innaqqsu l-ispeed tal-bastiment aħna u deħlin sabiex innaqqsu l-inkonvenjent lil dgħajjes oħra għalkemm ġewwa l-port ma jistax wieħed jimxi iktar minn għaxar knots fis-siegħa. Aħna mbagħad meta wasalna ħdejn il-breakwater erġajna tlabna l-permess; dawna tal-VTS għarrfuna illi ma kienx hemm traffiku fil-Port, allura ma kien hemm ħadd qed jagħmel manuvrar, u tawna l-permess sabiex nibqgħu deħlin.*
>
> *Aħna mbagħad bqajna deħlin. X' ħin wasalna ħdejn il-Pixkerija erġajna naqqasna l-ispeed minimum tal-bastiment, jiġifieri xi 5 knots. Aħna konna deħlin ħdejn il-Baggage Room tad-Dwana sabiex ngħaddu d-dokumentazzjoni peress illi konna ħriġna xi affarijiet 'il barra mill-ibħra territorjali u allura kellna ngħaddu d-dokumentazzjoni."*

Spjega li l-*Baggage Room* tad-Dwana fejn kienu sejrin hija iktar 'il ġewwa mill-Valletta Waterfront, u għalhekk kellhom bil-fors jgħaddu minn quddiem Pinto Wharf. Qal li osservaw li lejn l-aħħar parti ta' Pinto Wharf kien hemm żewġ bastimenti tal-injam li dehrlu li kienu l-*Fernandez* u l-*Hera* u li dawn kienu marbutin bl-ankra quddiem u l-*gangway* fuq wara.

> *"Kif qbiżnihom dawn iż-żewġ dgħajjes stajna nosservaw dgħajsa bajda qed timmanuvra mal-moll u aħna mill-ewwel bdejna nitkellmu bejnietna u bdejna nippruvaw nifhmu x' kien qed jipprova jagħmel ma' dan il-moll. U aħna rajniha stramba x' kien qed jagħmel għax kien qisu bil-mauvrar tiegħu kien qisu qed jidħol taħt il-gangway ta' wieħed mill-bastimenti li kien iktar 'il ġewwa mill-wieħed li kien hemm. Din id-dgħajsa l-bajda rajniha biss wara li konna qbiżna dawn iż-żewġ bastmenti tal-injam li kienu sorġuti kif spjegajt qabel.*

[5] Xiehda ta' Roderick Borg tat-12 ta' Marzu 2015, fol 78-80.

*…*

*Jiena kif rajtha d-dgħajsa rajtha għadha rtirata 'l barra mill-moll iżda kienet qegħda fid-direzzjoni qegħda tersaq lejn il-moll jiġifieri kellha l-pruwa tagħha kien qed jidħol lejn il-moll. X' kellu f' moħħu min kien qed jimmaniġja dik id-dgħajsa ma nistax ngħidlek."*

Kompla jgħid li kif lestew mill-*Baggage room* tad-Dwana (fejn waqfu biex jgħaddu d-dokumentazzjoni) reġgħu ġabu l-permess tal-port biex ikunu jistgħu imorru fejn isorġu s-soltu. Qal li kien għadu fil-kabina meta sema' konverżazzjoni mal-VTS fejn persuna (li wara skoprew li kienet Couperus) kienet qed tgħid li sofriet ħsarat minħabba f' ċaqliq żejjed.

*(iv) Alvin Formosa (Kaptan tal-"Fernandes 2"):*

Alvin Formosa, fix-xiehda tiegħu[6] qal illi fiż-żmien tal-inċident in kwistjoni kien il-kaptan tal-bastiment Fernandes 2 li għandu tul ta' aktar minn 34 metru. Qal li dak in-nhar tal-inċident dan il-bastiment kien bl-ankra 'l quddiem marbut poppa lura. Spjega li fil-fatt ma jħobbx jorbot paralellament mal-moll in kwistjoni (Pinto Wharf) peress li huwa wieħed għoli u magħmul għal *cruiseliners* mhux għal dgħajjes bħal tiegħu. Qal li kien qiegħed fuq il-poppa jew fuq il-moll stess, jistenna biex jgħabbi xi turisti mill-*cruiseliners*. Ikkonferma li mal-moll ma kien hemm xejn għajr dan l-imsemmi Fernandes 2, u bastiment ieħor simili bl-isem ta' Hera 2 li kienet sorġuta bl-istess mod tal-Fernandes 2.

Mistoqsi mill-qorti fir-rigward tad-dgħajsa (cabin cruiser) "*Out of the Blue*" tal-attur, ftakar li raha marbuta bi dritt l-istess moll, u cioe` "*alongside".* (Dan kien wara li d-dgħajsa kienet ħabtet mal-moll). Ftakar li n-nies ta' fuqha kienu jidhru inkwetati u li huwa allura kien mar biex jara x' ġara.

*"..stajt nikkonstata li fuq il-moll kien hemm sporġut 'il barra ħadida illi fuqha kien hemm xi darba marbut fender kbir tal-cruise liner u dik il-fender ma baqgħetx iktar hemm u allura kien hemm din il-ħadida sporġuta 'l barra."*

[6] Xiehda ta' Alvin Formosa tal-1 ta' Ġunju 2015, fol 88-89.

Mistoqsi jekk innutax li l-"*Out of the Blue*" kellux il-*fenders* imnizzlin, qal li bl-amment ma jiftakarx pero` ikkummenta illi għal dak it-tip ta' moll wieħed irid ikollu *fendering* b' saħħtu ħafna u kbir ħafna, mhux biss fid-daqs iżda wkoll fil-wisgħa sabiex jaqilgħu 'il barra sew minn mal-moll.

Żied jgħid illi waqt li kien qed jipprova jassisti lil din id-dgħajsa "*Out of the Blue*" sema' lill-Kaptan jikkomunika bir-radio u jiftakar jisma' ċarament kumment ta' xi ħadd minn fuq ir-radio isaqsih min kien tah il-permess jorbot hemm.

Kontro-eżaminat[7] qal li meta għaddiet is-"*Sea Jaguar"* id-dgħajsa tal-attur "*Out of the Blue*" kienet diġa hemm, u kienet xi erbgħin (40) metru 'il barra mid-dgħajsa Fernandes 2 (li fiha 125 pied).

*(v)* *Rapport tal-Pulizija*

L-attur Ale Petrus Couperus dak in-nhar stess tal-inċident għamel rapport mal-pulizija. Il-verżjoni li ta ġiet rapportata hekk:

*"...whilst he was attempting to moor his leisure boat (Malta Transport Registration Number 13728) along pier Pinto 1, so as to drop off a person, another searaft (vessel) styled Sea Jaguar passed by very close to his leisure boat at a very high speed with the consequence that his leisure boat hit into the mentioned pier and substained lateral damages*."

*(vi)* *Il-pulizija Tancred Lino Debono PC29*

Il-pulizija Debono, li kien stazzjonat l-għassa tal-Waterfront meta l-attur mar jagħmel rapport dwar l-inċident xehed[8] li sussegwentement għar-rapport huwa kien ikkomunika mat-turretta u dawn infurmawh li l-konvenut Grech kien talabhom il-permess biex jidħol il-port (liema permess kien ingħatalu peress li ma kienx hemm traffiku quddiemu) filwaqt li Couperus ma kien talab ebda

[7] Kontro-eżami ta' Alvin Formosa, tad-9 ta' Novembru 2015, fol 94-100.
[8] Xiehda ta' PC29 Tancred Lino Debono, tat-30 ta' Ġunju 2014, fol 24-27.

permess. Qal ukoll li kien ikkomunika mal-konvenut u dan qallu li kien għaddej "*b'veloċita` normali*."

Ix-xhud qal li kien mar għand tas-security tal-Valletta Cruise Sport u talabhom biex jara l-*video recording* tal-ħin tal-inċident. Qal li mill-video effettivament seta' jara kull ma' ġara. Sfortunatament ma kinux f' pożizzjoni li jagħtuh kopja tal-video peress li l-apparat li jirrekordjaw bih ma kienx jaħdem. Pero` xehed illi minn dak li ra mill-video seta' jikkonstata is-segwenti:

*"...jiena stajt nikkonstata illi d-dgħajsa "Out of the Blue" kienet qegħda ħdejn 'Pinto 1' iżda mhux ankrata 'Pinto 1' u ma kellhiex il-fenders imniżżlin mal-ġenb tagħha. Jiena mill-video li stajt nara, li niftakar nara ċar fil-video huwa illi kien hemm id-dgħajsa "Out of the Blue" illi meta hija rat id-dgħajsa "Sea Jaguar" ġejja lejha – anzi – meta sema' d-dgħajsa, resqet mal-ġenb.*

*Mill-video jiena stajt nikkonstata illi s-Sea Jaguar kien qiegħed ipuntat 'il barra lejn il-Pont u viċin il-Pinto 1. Niftakar illi kien qiegħed 'il ġewwa, u f' daqqa waħda stajt nara d-dgħajsa "Out of the Blue" bdiet tiċċaqlaq ħafna. U kienet kont ċert illi kienet intlaqtet peress illi fuq il-video stajt nara biċ-ċert illi kien hemm aġitazzjoni. ...Rajt id-dgħajsa dieħla, rajt id-dgħajsa tiċċaqlaq, u rajt l-inċident isir."*

Qal li meta bdiet tiċċaqlaq id-dgħajsa tal-attur din kienet "*viċin ħafna tal-moll*", madwar żewġ piedi. Ikkonferma li ma kinitx marbuta.

*(vii)* *<u>Ħsarat</u>*

Is-survey report[9] (li jinkludi wkoll diversi ritratti) redatt mill-Marine Surveyor Anthony Dalli jikkonstata l-ħsarat li ġarrbet id-dgħajsa "*Out of the Blue*" <u>fuq in-naħa tal-ġenb tagħha</u>. It-tiswijiet (inkluż 15% VAT) ġew stmati fl-ammont ta' €6,566.70, u dan abbażi tal-*quotation*[10] maħruġa mis-soċjeta` Boatcare Trading Ltd. Skont il-"*Final Discharge and Subrogation Form*"[11] datata 2 ta' April 2012 is-soċjeta` attriċi, wara li naqqset l-ammont ta' €1,000 Policy Excess, ħallset lil-attur Couperus is-somma ta' €5,566.70.

## 10. <u>Konsiderazzjoni tal-qorti.</u>

[9] Survey Report, Dok TD1, fol 64-71.
[10] Quotation tas-soċjeta` Boatcare Trading Ltd, fol 55.
[11] Subrogation Form, fol 62.

Din il-qorti wara li qrat l-atti u semghet it-trattazzjoni, tosserva:-

(a) Dak in-nhar tal-inċident, l-attur, li kien qed isuq il-*cabin cruiser* tiegħu "*Out of the Blue*" fil-Port il-Kbir, iddeċieda li jittrakka ma' *Pinto Wharf* biex iniżżel lil ħuh mid-dgħajsa peress li kien qed iħossu ħażin. Manuvra li għamel mingħajr ma talab permess mit-turretta biex jagħmel dan u lanqas m'għarrafhom x'kien ser jaghmel. L-inqas li kellu jagħmel l-attur kien li jgħarraf lill-awtoritajiet bil-manuvra li kien beħsiebu jagħmel. Il-fatt li fuq il-bastiment kien hemm persuna li ma kinitx f'sikitha ma kienx jintitola lill-attur li jieħu prekawzjonijiet bażiċi. Dan iktar u iktar meta tqies li l-moll in kwistjoni m'huwiex adattat sabiex miegħu jorbtu dgħajjes bħal dik tal-attur. Fatt li ammettieh l-attur stess. Il-moll hu ddiżinjat biex miegħu jorbtu l-cruise liners.

(b) Il-Kaptan tal-"*Fernandes 2*", spjega illi għal tali tip ta' moll wieħed irid ikollu *fenders* b'saħħithom ħafna u kbar ħafna, mhux biss fid-daqs iżda wkoll fil-wisa' sabiex jaqilgħu 'il barra sew minn mal-moll. Minkejja li l-attur jgħid li kellu l-*fenders* imniżżlin fuq kull ġenb tad-dgħajsa tiegħu, il-pulizija Tancred Lino Debono, li ra l-*video footage* tal-inċident, qal li l**-*fenders*** **<u>ma kinux</u> imniżżlin**. Pero' kienet x'kienet is-sitwazzjoni, hu evidenti li wkoll jekk id-dgħajsa kellha l-fenders, dawn ma kinux adegwati għall-moll fejn l-attur ried jorbot id-dgħajsa tiegħu;

(c) Inċidentalment, mal-moll in kwistjoni, propju fejn l-attur kien qed jipprova jiitrakka, kien hemm **żewġ dgħajjes tal-injam marbutin** (b' tul ta' madwar 34 metru); il-"*Fernandes 2*" u l-"*Hera 2*";

(d) Waqt li l-attur kien qed jagħmel il-manuvra tiegħu biex jipprova jittrakka mal-moll, il-konvenut kien għadu kemm daħal mill-*breakwater*, u kien qed jipproċedi fil-Port il-Kbir (dan fuq l-awtorizzjazzjoni tat-turretta). Ried jibqa' sejjer sal-*baggage wharf* biex iħalli xi dokumentazzjoni u għalhekk kellu jgħaddi proprju bi dritt fejn kien hemm l-attur jimmanuvra d-dgħajsa tiegħu;

(e) Meta l-konvenut u Roderick Borg, li kien miegħu, waslu proprju bi dritt iż-żewġ bastimenti tal-injam innutaw id-dgħajsa tal-attur li kienet qed tipprova tittrakka mal-moll. Din **kienet tant viċin ta' waħda mid-dgħajjes tal-injam li rawha qisha qed tipprova tidħol taħt il-passarella (gangway) tagħha**. (Il-Kaptan tal-"*Fernandes 2*" ukoll ikkonferma li din kienet ħdejn id-dgħajsa tiegħu). Irriżulta li Fernandes 2 hi twila iktar minn 34 metri u mal-moll kienet marbuta mill-poppa. Hi għalhekk kredibbli u verosimili l-verżjoni tal-konvenut u Borg li ma ndunawx bid-dgħajsa tal-attur qabel ma ġew proprju bi dritta. **Kienet moħbija wara l-bastiment**. F'dawk iċ-ċirkostanzi ma jistax jingħad li l-konvenut ma rahiex għax ma kienx qed iżomm "*proper lookout*", kif ikkonkludiet l-ewwel qorti. **Għaldaqstant, kuntrarjament għal dak li**

**rriteniet l-ewwel qorti, il-konvenut konsegwentement kien ukoll fl-impossibilita` li jieħu xi passi biex ma jikkawżax inkonvenjenzi lid-dgħajsa tal-attur**.

(f) Il-konvenut xehed li fil-mument li d-dgħajsa tiegħu kienet bi dritt id-dgħajsa tal-attur, kien għaddej bi speed ta' madwar 7 knots; il-pulizija Debono qal li l-konvenut qallu li kien għaddej b'veloċita` "normali"; Roderick Borg qal li kienu għaddejjin "*dead slow*" bi xi 5 knots. **Ma rriżultax li dik il-veloċita kienet iktar minn dik permessa f'dik iż-żona tal-port**. Il-fatt li d-dgħajsa tal-attur ħabtet mal-moll ma jfissirx li s-Sea Jaguar kien għaddej b'xi veloċita iktar milli suppost, dan iktar u iktar meta tikkunsidra kemm kienet viċin tal-moll qabel seħħ l-inċident (ara deposizzjoni ta' PC29 Tancred Debono). Inoltre, l-estent tal-ħsara li saret fid-dgħajsa Out of the Blue fiha nnifisha tiskredita l-verżjoni tal-attur li l-bastiment Sea Jaguar ħoloq mgħewġ ogħli ta' madwar metru u metru u nofs. Il-ħsara fid-dgħajsa Out of the Blue hi lokalizzata u mhux it-tul kollu tal-ġemb fejn saret il-ħsara. Probabilment il-ħsara kienet tkun ferm ikbar li kieku Sea Jaguar ħoloq mgħewġ ta' dak l-ogħli.

(g) Lanqas ma jirrizulta li s-Sea Jaguar kien għaddej "*tant viċin*" tad-dgħajsa tal-attur, kif iddikjara l-atturi fl-att li bih inbdew dawn il-proċeduri. Alvin Formosa, kaptan tal-"*Fernandes 2*", xehed li d-dgħajsa tal-konvenut kienet 'il barra mill-pruwa tad-dgħajsa tiegħu (li fiha nfisha fiha xi 34 metru) b' xi erbgħin (40) metru. **Għalhekk jiġi li d-dgħajsa tal-konvenut kienet fil-fatt iktar minn sebgħin (70) metru 'l barra mill-moll fejn kien qed jipprova jittrakka l-attur**.

(h) **Jirriżulta invece li dak il-ħin li għaddiet id-dgħajsa tal-konvenut, <u>kienet proprju id-dgħajsa tal-attur</u> li kienet ferm viċin tal-moll** (skont il-pulizija Debono li ra l-video, kif l-attur "sema"" l-ħoss tad-dgħajsa tal-konvenut toqrob, huwa fil-fatt resaq mal-ġenb tal-moll – u mistoqsi kemm kienet 'il barra mill-moll wieġeb li kienet madwar żewġ piedi). Mhux ta' b'xejn għalhekk li bir-rima tal-bastiment tal-konvenut, id-dgħajsa tal-attur mal-ewwel ħabtet mal-moll u sofriet danni (u saħansitra skont il-kaptan tal-"*Fernandes 2*" proprju ma' dik il-parti tal-moll kien hemm xi ħadida sporġuta 'l barra". Verżjoni li tikkontradiċi dik tal-attur li qal li spiċċa tant viċin tal-moll minħabba l-mgħewġ ogħli li ħoloq il-bastiment Sea Jaguar.

**11. <u>Konklużjoni:</u>**

In vista ta' dan kollu din il-qorti tikkonkludi li l-atturi ma tawx prova li fuq bilanċ ta' probabilta l-inċident de quo seħħ tort tal-konvenut.

**Għal dawn il-motivi:**

**(1) tilqa' l-appell tal-konvenut Darren Grech;**

**(2) tvarja s-sentenza tal-ewwel qorti fis-sens li l-atturi ma tawx prova li l-konvenut għandu xi responsabbilta għall-inċident meritu tal-kawża u għaldaqstant tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u tiċħad it-talba tal-atturi bl-ispejjez taż-żewġ istanzi kontra tagħhom.**

Anthony Ellul.